**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 10 ta` Dicembru 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 467/2017 JZM**

**Michael Angelo Fenech (K.I. 440647M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Mejju 2017 li jaqra hekk :–

*Illi l-esponenti huwa direttur u beneficial owner tas-socjeta` Bunker Fuel Co Limited bin-numru ta` registrazzjoni C 9904 registrata fl-indirizz 1, Marina Alley No. 3, Kalkara, Malta.*

*Illi ai termini tal-artikolu 325 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-intimat baghat ittra datata 25 t`April 2012 li permezz taghha avzat lid-diretturi tas-socjeta` Bunker Fuel Co Limited li s-socjeta` kienet naqset milli tirregistra d-dokumenti rilevanti ma` l-istess u ghalhekk kellha tinforma lill-intimat jekk kienitx ghadha qieghda topera (hawn annessa u mmarkata bhala Dok  A).*

*Illi fis-07 ta` Mejju 2012, u cioe` qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit mil-ligi, Dr. Roberta Fenech Gauci, in rapprezentanza tad-diretturi tas-socjeta`, informat lill-intimat illi s-socjeta` kienet ghadha qed topera (hawn anness u mmarkat bhala Dok B).*

*Illi minkejja dan, l-esponenti rcieva ittra mill-intimat datat 25 ta` Mejju 2012 li s-socjeta` kienet ser tigi xolta u l-isem tal-istess imhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, ai termini tal-Artikolu 325 (2) (hawn annessa u mmarkata bhala Dok C).*

*Illi l-esponenti ghamel diversi tentattivi sabiex jerga` jinforma lir-Registratur li s-socjeta` kienet qed topera u sabiex jitranga dan l-izball amministrattiv (hawn annessa emails mill-istess Dr Roberta Fenech Gauci mmarkati bhala Dok D).*

*Illi s-socjeta` Bunker Fuel Co Limited thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji mizmuma mill-intimat, b`effett mit-22 ta` Settembru 2012 (hawn anness u mmarkat bhala Dok E).*

*Illi r-rikorrenti hass ruhu aggravat b`tali thassir u ghandu kull interess illi l-istess socjeta` terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Illi jekk is-socjeta` Bunker Fuel Co Limited ma tergax titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti sejjer isofri danni rreparabbli, billi l-assi tal-istess socjeta` sejrin jiddevolvu f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi infatti, ir-rikorrenti ga kkaguna li jkunu preparati l-kontijiet u formoli kollha tas-socjeta` Bunker Fuel Co Limited biex l-istess ikunu jistghu jigu rregistrati.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provediment opportun tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1. Jerga` idahhal l-isem tas-socjeta` Bunker Fuel Co Limited (C9904) fir-registru tal-Kumpanniji sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma giex mhassar ; u*

*2. Jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-Ligi relattivi ghal tali inderzjoni fir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fis-7 ta` Lulju 2017 (liema risposta kienet ikkonfermata bil-gurament minn Dr Claudette Fenech).

Ir-risposta taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija Bunker Fuel Co. Ltd (C 9904) giet registrata fl-1 ta` Settembru 1988 u ghalhekk kienet regolata taht l-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali.*

*Illi l-kumpannija in kwistjoni fis-27 ta` Frar 1988 baghtet lir-Registratur tal-Kumpanniji d-dokumentazzjoni relevanti sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji, 1995.*

*Illi fil-fatt id-dokumentazzjoni li baghtet il-kumpannija fuq imsemmija kienu l-ahhar inkartament li baghtet Bunker Fuel Oil Co. Limited (C 9904) lir-Registratur tal-Kumpanniji.*

*Illi l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin mill-obbligi legali taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini ta` l-Att. Tant hu hekk illi mill-compliance `l hawn is-socjeta` ma baghtet ebda dokument iehor ghar-registrazzjoni.*

*Illi s-socjeta` lanqas ma tidher illi kellha interess illi tigbor ic-certifikat tal-compliance biex izzommu fir-records taghha bhala prova illi giet irregolata taht l-Att.*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur tal-Kumpanniji jissoponi illi l-kumpannija in kwistjoni ma kienitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini ta` l-Att.*

*Illi in vista tas-suespost, r-Registratur mexa sabiex japplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 325 billi, l-ewwel darba fil-25 t`April 2012 u t-tieni darba fil-25 ta` Mejju 2012, baghat il-korrispondenza relevanti. Fil-frattemp la l-kumpannija u lanqas l-ufficjali taghha ma ghamlu pass wiehed sabiex jissodisfaw lir-Registratur li l-interess illi wrew fl-oggezzjoni taghhom kien genwin tali li l-kumpanija titpogga in regola skond id-dispozizzjonijiet ta` l-Att. Fil-fatt is-socjeta` la baghtet d-dokumentazzjoni mehtiega u lanqas ma thallas ebda ammont ta` penalitajiet jew xi tariffi amministrattivi li suppost kienu ilhom dovuti u li kellhom jigu sottomessi lir-Registratur minn hafna zmien qabel.*

*Illi huwa stramb il-fatt kif fl-2012 d-diretturi nfornaw illi il-kumpannija kienet ghadha topera. Ta` min wiehed jinnota illi huwa vera illi l-Artikolu 325 jippermetti illi wiehed joggezzjona ghat-thassir tal-isem tal-*

*kumpannja imma huwa aktar vera illi sempliciment e-mail, wara erba` snin, fejn ikkonfermaw illi il-kumpannija kienet ghadha topera u "please amend your records accordingly" zgur mhux bizzejjed. Kif seta` jaghmel hekk ir-Registratur meta hadd minn dawk involuti fil-kumpannija ma ghamel ebda sforz halli l-kumpannija tigi in line mal-ligi jew, izjed u izjed, saru xi arrangamenti biex jithallsu l-penalitajiet dovuti lilu? Dan zgur mhuwiex il-"good cause being shown to the contrary" illi jezigi l-istess Artikolu 325 sabiex ir-Registratur ikun jista` jiehu tali oggezzjoni in konsiderazzjoni. Ir-Registratur zgur ta lis-socjeta` bizzejjed zmien sabiex jara xi forma ta` koperazzjoni tal-istess socjeta` jew xi ufficjal minn taghha. Izda dina baqghet inadempjenti u ghada hekk anke sal-prezentazzjoni tar-rikors odjern.*

*Illi b`dispjacir ir-Registratur jissolleva illi d-direttur ta` din il-kumpannija m`ghandux track record tajba fejn dak li ghandu x`jaqsam mal-manutenzjoni u s-sottomissjoni ta` dokumenti ghaliex ebda kumpannija fejn hu jinsab direttur ma tinsab in regola ma` l-Att. Illi ghaldaqstant tali sitwazzjoni mhix xi eccezzjoni fil-kaz ta` din il-kumpannija. Tali agir fil-fatt jista` jwassal lir-Registratur li jokkonsidera jaghmel talba taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 320 (2) tal-Att fir-rigward tas-sur Fenech.*

*Illi ghaldaqstant il-bidu u l-finalizzazzjoni tal-process kontenut fl-Artikolu 325 ma kienx zball amministrattiv izda r-rizultat dirett tan-nuqqas ta` "good cause being shown", kif ukoll ghat-traskuragni u negligenza tal-kumpannija u tal-ufficjali taghha ghal bosta snin.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-Registratur jissottometti illi jekk dina l-Onorabbli Qorti tkun sodisfatta illi jkun xieraq li l-isem jerga` jidhol fuq ir-Registru huwa qieghed jaddotta linja illi sakemm jigu sottomessi d-dokumentazzjoni kollha nieqsa u sakemm ihallsu l-penalitajiet kollha dovuti fi zmien predeterminat huwa ma joggezzjonax illi dan isir. L-esponent jixtieq jevita illi d-direttur jerga` jahrab mill-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet qua direttur u qua kumpannija u b`hekk jerga` jispicca b`kumpanniji fuq ir-Registru li mhumiex in regola ma` l-Att ghal zmien twil.*

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` din il-kawza.

Rat illi propju fl-ewwel dehra tal-kawza u cioe` l-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2007 kien verbalizzat *inter alia* illi :-

*Il-Qorti spjegat lid-difensur tar-rikorrent dak li jehtieg jaghmel lir-rikorrent qabel il-Qorti tikkunsidra t-talbiet tieghu.*

*Dr Micallef hadet kont ta` kollox u tiddikjara li hemm disponibilita` da parti tar-rikorrent illi jirregola l-obbligi li kellha l-kumpannija koncernata qabel thassar l-isem.*

Rat ukoll illi fl-ahhar udjenza tal-kawza qabel illum, hija giet infurmata li r-rikorrent kien irregolarizza l-pendenzi kollha li kellha l-kumpannija *de qua*, tant li l-intimat ma kienx qed jopponi li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrent mexxa bil-procedura tal-lum abbazi ta` l-Art 325(4) tal-Kap 386. Jirrizulta li r-rikorrent huwa azzjonista tal-kumpannija Bunker Fuel Co. Ltd. (C9904). Ghalhekk ghandu *locus standi* biex jipprocedi bl-istanza tal-lum.

Dan premess, wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, din il-Qorti tghid illi, fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, hija sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, u cioe` dak ta` l-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2017, ir-rikorrent wera disponibilita` **<u>shiha</u>** li jirregola ruhu. Fil-fatt, minkejja l-inadempjenzi tieghu u tas-socjeta` in kwistjoni, liema nuqqasijiet wasslu unikament sabiex jithassar l-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, ir-rikorrent iffinalizza l-pendenzi **<u>kollha</u>** mar-Registratur tal-Kumpanniji fil-mori tal-kawza. Ippruvata b`mod tangibbli d-disponibilita` tar-rikorrent *to make a fresh start* ir-Registratur tal-Kumpanniji accetta min-naha tieghu illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji anke f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija waqfet ghal kollox min-negozju taghha.

Minkejja li r-rikorrent ipprova jesimi ruhu minn responsabilita` b`li ssottometta fir-rikors promotur, din il-Qorti taghti affidament shih ghal dak li nghad mill-intimat fir-risposta tieghu. Ghalhekk ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat.

Huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru kien dovut ghan-nuqqas tar-rikorrent, fil-mansjonijiet li kellu fl-ambitu tas-socjeta`.

Ghandu jinghad illi s-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta` dan l-artikolu, il- Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta` l-avviz tat-thassir ... tista`, jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta` kopja ufficjali ta` l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista` bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrent ha azzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi.

**Din il-Qorti qieset dak li xpruna lir-rikorrent sabiex jiehu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li propjeta` tal-kumpannija tispicca ghand l-Istat ghaliex l-isem tal-kumpannija thassar mir-Registru.**

**Tenut kont tal-mod kif ir-rikorrent impenja ruhu b`assidwita` fil-kors ta` dan il-procediment sabiex igib kollox *in order* u meta tqis li rnexxielu, din il-Qorti, wara li tqis kollox, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Tinsab hekk sodisfatta anke ghaliex il-posizzjoni tal-kumpannija giet regolarizzata, billi kienu prezentati d-dokumenti statutorji kollha li baqghu mhux prezentati ghal firxa twila ta` snin wara li minn socjeta` kostitwita skont il-Kap 168 saret il-*compliance* biex tkun regolata mill-Kap 386. Kien ukoll saldat favur l-intimat il-hlas ta` kull dritt jew penali dovut. Tishaq illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrent li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi jirrepeti ruhu.**

**Propju xejn minn dan.**

**Il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija de qua tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Bunker Fuel Co Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9904 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Bunker Fuel Co Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9904 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Bunker Fuel Co Limited, li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C9904, jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Bunker Fuel Co. Limited (C9904) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**4) Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Bunker Fuel Co. Limited (C9904) jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**